MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 125/2000/1

**Jeffrey Camilleri**

**Vs**

**Koperattiva ta' Min Irabbi**
**l-Majjal Limited (K.I.M. Limited)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur is-somma bilancjali ta' sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u tmien centezmi (Lm631.08) u dana kif dettaljatament spjegat fil-prospett anness mal-avviz u markat Dok "JC", bilanc ta' flus dovuti lill-attur ghaz-zmien li l-attur hadem bhala "officer in charge of accounts and administration" mas-socjeta konvenuta u liema impieg tieghu gie terminat fis-6 ta' April 1999.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarji tal-14 ta’ April 1999 u tat-12 ta’ Gunju 1999 kif ukoll tal-ittra ufficjali tal-10 t’Awissu kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness u presentat mal-istess avviz (Fol 2 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 7 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi t-talba attrici hija ammessa limitatament ghas-somma ta’ Lm67.63 (sebgha u sittin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu).
2. Illi kwantu ghall-bilanc li qed jigi reklamat mill-attur dana mhux dovut lilu u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 46 ibid.

Ikkunsidrat

Illi mill-istess eccezzjoni moghtija mis-socjeta konvenuta, jidher li din ma hiex qed tikkontesta l-ammont ta’ Lm67.63 bhala dovut minnha waqt li a basi ta’ prospett mahdum u sottomess mill-istess socjeta konvenuta hemm indikat illi, effettivament, il-bilanc dovut lill-konvenut jammonta ghal Lm123.67.

Ikkunsidrat

Illi l-attur in sostenn tat-talba pretiza minnu xehed (fol 12 u fol 18 u fol 40 ibid) illi hu kien beda jahdem mas-socjeta konvenuta fl-1995 fil-kariga tieghu bhala “accounts officer in charge” waqt li l-istess impjieg kien gie terminat fis-6 ta’ April 1999 u dan “…. Kontra qalbi minhabba li x-xoghol kien sar insapportabbli”. Fl-istess xhieda hu irrefera ghall-prospett esebit minnu stess u li jinsab a fol 2 tal-atti minn fejn jirrisulta dak pretiz minnu in konnessjoni ma “leave” ghas-snin 1997, 1998 u 1999, ”bonus”, paga u zieda fil-

paga a basi ta’ ittra mibghuta lilu fit-18 ta’ Marzu 1999 (ara fol 14 ibid), mill-liema ittra jirrisulta li s-socjeta konvenuta b’effett mit-18 ta’ Marzu 1999 kienet ser thallsu paga ta’ Lm90 fil-gimgha. Dwar il-pretensjoni originali tieghu, hu kkonferma li kien thallas, akkont, is-somma ta’ Lm500 u b’hekk kien fadal bilanc dovut lilu ammontanti ghal dak pretiz minnu fl-avviz. Ix-xhud spjega ukoll illi mill-imsemmi prospett hu kien di gja naqqas il-”period of notice” ta’ erba’ gimghat. Peress li f’dan il-perjodu hu ma kienx hadem hu kien naqqas “multa ta’ gimghatejn paga”.

Ikkunsidrat

Illi da parti tas-socjeta ossija koperattiva konvenuta gie prodott Edwin Bartolo (fol 23 et seq ibid) illi spjega ghaliex qed tigi kontestata t-talba attrici u ghal dan il-ghan, b’nota a fol 37, gie esebit prospett li permezz tieghu din is-socjeta indikat illi l-attur kellu bilanc dovut lilu, mhux dak specifikat fl-eccezzjoni relattiva sottomessa minnha izda l-ammont ta’ Lm123.77 punt li di gja ssemma “supra” sabiex jikkontesta dak li xehed dan ix-xhud l-attur esebixxa d-dokumenti a fol 42 sa fol 45 sabiex jsostni b’mod aktar dettaljat dak li kien specifika fil-prospett a fol 2 tal-atti. Mid-dokument a fol 43 ibid jigi notat dwar il-kwistjoni ta’ ‘leave’ ghas-snin hemm fuq imsemmija illi l-istess attur ibbaza ruhu fuq ir-rata ta’ Lm90 fil-gimgha peress li “… il-leave gie mgedded minn sena’ ghall-ohra” u “il-kumitat (tal-Koperattiva involuta) iddecieda li jgedded il-leave tieghu peress li ma kienx f’posizzjoni li jaghtini leave u ma kienx lest li jhallsu fl-ahhar tas-sena”.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, din il-Qorti hi konvinta illi, fuq bazi ta’ fatt, it-talba attrici ghandha tigi akkolta kollha kemm hi invista li tidher li giet sostanzjata a basi tal-provi sottomessi mill-istess attur kemm oralment kemm permezz ta’ dokumenti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-Koperattiva konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ Lm631.08 bl-imghaxijiet legali mill-10 ta’ Awissu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-

ispejjes inklusi dawk tal-ittri bonarji tal-14 ta’ April 1999 u tat-12 ta’ Lulju 1999 kif ukoll ta’ dik ufficjali tal-10 t’Awissu 1999.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------